Kitba: Marie Briguglio, April 2024

Wellbeing INDEX

L-Università ta' Malta

The Malta Foundation for the Wellbeing of Society

# Il-Ġid f'Malta kif jitkejjel?

Minn żmien għal żmien nisimgħu li "skond statistika maħruġa minn xi organizzazzjoni dinjija, Malta sejra tajjeb". Imma ma trid xejn biex ftit wara tisma' lil xi ħadd jgħid bil-kontra. Allura ta' min jistaqsi: Madwar id-dinja għaddejja tfittxija sħiħa għall-kejl li verament jixhed il-progress u l-ġid uman. Dan huwa wkoll għan ewlieni tal-proġett ta' riċerka maħdum bejn l-Università ta' Malta u l-Malta Foundation for the Wellbeing of Society.

## Kif?

Billi f'sit wieħed virtwali jinġabru l-indiċi ewlenin li bih jitkejjel il-ġid f'Malta. B'hekk inkunu nistgħu nqabblu u naraw kemm verament sejjer tajjeb il-pajjiż u b'liema kejl. B'xorti tajba Malta hija inkluża f'bosta indiċi dinjin. Bihom nistgħu nħarsu lejn Malta fuq medda ta' snin u anke meta mqabbla ma pajjiżi oħra.

## X'indiċi huma?

Il-Prodott Gross Domestiku per eżempju, jinħareg kull sena mill-Uffiċju tal-Istatistika f'Malta u ikejjel id-daqs tal-ekonomija: kemm naqilgħu u nonfqu flus fis-sena. Fuq dan il-kejl, Malta tmur tajjeb. Kull sena, indawru iktar flus, tant li spiċċajna fost l-ewwel 40 pajjiż fid-dinja. Imma dan il-kejl jagħti kas biss dak li jinxtara bil-flus u jħalli barra bosta aspetti tal-ħajja li wkoll isarrfu f'ġid, per eżempju s-saħħa, l-edukazzjoni u l-ħin liberu.

L-Indiċi dwar l-Iżvilupp Uman jinseġ flimkien il-ġid materjali, is-saħħa u l-edukazzjoni. Peress li f'Malta in-nies jgħixu fit-tul, u l-edukazzjoni hija bilfors għal kulħadd, allura anke fuq dan l-indiċi Malta tmur tajjeb u dejjem għall-aħjar.

L-Indiċi tal-Għanijiet ta' Żvilupp Sostenibbli juruna kif sejjer stat f'iktar oqsma, għax jeżaminaw kif sejrin fuq l-ekonomija, is-saħħa u l-edukazzjoni, l-ugwaljanza, l-ambjent, il-governanza u iktar. Hawnhekk nibdew naraw sfumaturi ġodda, tant li għalkemm Malta tmur tajjeb f'xi indikaturi, tinstab lura fil-klassifika Ewropea.

L-Unjoni Ewropea wkoll għandha strument biex ikejjel il-ġid: l-istrument tal-Kwalità ta' Ħajja fl-Ewropa. Dan jiġbor fih il-ġid ekonomiku, is-soċjal, l-ambjent, l-edukazzjoni, l-akkomodazzjoni, is-saħħa, u anke informazzjoni dwar kif iħossuhom iċ-ċittadini stess. Skond dan l-istrument, Malta sejra tajjeb fuq bosta kriterji, għalkemm hemm fejn tista' tmur aħjar, per eżempju fil-bilanċ bejn ħajja u xogħol u l-użu tal-ħin.

## X'nikkonkludu?

Li Malta sejra tajjeb meta r-riga hija dik tal-ġid materjali, saħħa u kriterji oħra, imma li hemm fejn intejbu il-kwalità tal-ħajja. Allura meta nistaqsu kif sejra Malta, tajjeb li niċċaraw l-ewwel nett b'liema kejl qed inqisu l-progress.